Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 6– L-Erbgħa 13 ta' Novembru 2019**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-6:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | | |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

6.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

6.2.1 Inqraw il-minuti u ġew ikkonfermati.

**6.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

6.3.1 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għal ħsarat li ġarrbet il-bajja tax-Xatt l-Aħmar kaġun tal-maltemp qawwi li ħakimna. Huwa ddeskriva kif waqgħu biċċiet kbar tal-blat li anke għalqu l-aċċess għall-inħawi magħrufa tal-Inglizi. Is-Sindku rrefera għal fatt li fortunatament s-sellum u l-platform ma ntmessux. Is-Sindku talab sabiex issir xibka li tilqa l-blat biex tiġi nkluza fil-masterplan. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura ppropona li jintrifed il-blat. Sar qbil li għandna nressqu dawn it-talbiet. Tressqet il-proposta wkoll li jsiru blokki bil-contrete.

6.3.2 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għat-talba li ressaqna lill-Ministeru għal Għawdex wkoll għall-għajnuna minn naħa tagħhom sabiex it-triq ta' taħt Chambray fejn qed izzomm roqgħa kbira ta' ilma, infetaħ xaqq u jinħtieġ li tiġi rimedjata mmedjatament. Tlabnihom talba pero t-tweġiba kienet li fil-prezent jidher li hemm prioritajiet oħra mill-Ministeru għal Għawdex minħabba ħsarat kbar li ġew kawzati bil-maltemp.

6.3.3 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għall-ilmijiet kbar li qed joħorġu mill-ħajt ta' Triq il-Provigarju li jaghti ghall- Triq l-Imgarr. Is-Sindku rrefera ghal fatt li l-ħajt baqa' ma tranġax minħabba diversi fatturi fosthom li għandu jkun is-sid li jibnih, li hemm kwistjoni l-qorti dwaru u anke spejjes konsiderevoli. Sar qbil li għandna nerġgħu nressqu din it-talba li l- Ministeru għal Għawdex biex naraw itellgħuhx huma u filkaz intellgħu zewġ filati pero fl-istess ħin irridu noqgħodu attenti għax jiġu fin-nofs tat-triq.

6.3.4 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera wkoll għal Triq il-Brieghen fejn hemm area kbira li qed izzomm l-ilma. Sar qbil li għandna mmorru bil-perit u naraw x'modifikazzjonijiet jistgħu jsiru mmedjatament għax mhix aċċettabli li bniedem ma jistax jimxi fiha.

6.3.5 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-Clean up li ser issir Ta' Passi minn grupp ta' ħbieb ad unur Robert Cowley li kien iħobb jgħin f'Bethlehem f'Għajnsielem. Clean Up oħra hija mistennija ssir fil-lokal minn grupp ta' kumpanja private Maltija. Kullma talbu nħallsulhom huma l-ispejjes tal-vapur. Sar qbil li għandna nressqu talba lil Gozo Channel sabiex jisponsorjaw xi biljetti tal-vapur.

6.3.6 Is-Sindku propona li bħala inawgurazzjoni uffiċjali tal-Proġett tat-taraġ u monument, nipprovaw nifthuhom qrib id-data tal-10 ta' Diċembru jekk jinħelsu x-xogħolijiet kollha relatati speċjalment tad-dawl fejn jidħol il-kuntrattur Richard Cauchi. Il-Kunsill qabel li għandna ninsistu sabiex ninawgurawh qabel il-Milied.

## 6.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

6.4.1 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għall-culvert li qed isir fi Triq Malta. Is-Sindku kkonferma li bħala Kunsill ma konniex konsultati dwaru u li qed isir minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex.

6.4.2 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għal kaz ta' ċertu Pawlu Mizzi li l-għalqa tiegħu qed timtela bl-ilma kemm ilna li għamilna Triq il-Brieghen. Sar qbil li għandna nieħdu lill-perit biex jispezjona.

## 6.5 Korrispondenza u Rapporti

6.5.1 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta sabiex teħel tabella "No Right Turn" fi Triq Mgarr l-isfel mir-rexy restaurant biex min ikun ġej mix-Xatt ma jidholx fi Triq J.F. de Chambray. Sar qbil li għandna niċċekjaw ma' Transport Malta rigward dan.

6.5.2 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta sabiex l-aħħar biċċa ta' Triq Bengħazi li tagħti għal Triq Borg Għarib issir One Way. Sar qbil li għandna niċċekjaw ezatt x'inhu rikjest.

6.5.3 Ġiet trattata t-talba mingħand sabiex tittranga grada li hemm fil-pjazza Madonna ta' Loreto. Sar qbil li għandna nirranġawha.

6.5.4 Ġiet trattata t-talba sabiex isir patching fi Triq Baħħara kantuniera ma' Triq Għajnsielem. Sar qbil li dan għandu jsir.

6.5.5 Ġiet trattata t-talba mingħand residenta għal *double yellow lines* fi Triq il-Ġnien kantuniera ma' Triq Manoel Pinto de Fonseca. Sar qbil li għandna nipproċċessaw din it-talba.

6.5.6 Ġie trattat l-Ilment mingħand residenta li hemm rampa tas cement quddiem ir-residenza 'Prospect' fi Triq l-Imġarr li tizloq ħafna.

6.5.7 Ġiet trattata t-talba mingħand il-Ministeru biex isir *culvert* bis-cement fi Triq Wied ir-Rgħajjes jinqata' it-tarmac, talba oħra sabiex jinbena ħajt tas-sejjieħ imwaqqa' fi Triq Cordina u qtugħ ta' ħaxix fi Triq ta' Bwier. Il-Kunsill qabel li ser jieħu azzjoni mmedjata fuqhom.

## 6.6 Attivitajiet tal-Milied

6.6.1 Is-Sindku prezenta kopja tal-kalendarju ta' attivitajiet tal-Milied li jinkludu diversi attivitajiet, festini, *sports day* u oħrajn. Il-Kunsill qabel mal-kontenut u sar qbil li z-zjara tal-anzjani li ma joħorġux minn djarhom preferabilment titqassam fuq tlett ijiem.

6.6.2 Is-Sindku propona li bħala tizjin tal-Milied din is-sena għandu jsir fil-ġnien ta' quddiem il-kunsill minflok fil-Pjazza tad-Dehra u l-Playing Field peress li fil-Pjazza tad-Dehra hemm il-periklu minħabba li għaddejjin xi xogħolijiet biex titħaddem il-funtana. Sar qbil ukoll li din is-sena Santa's House titpoġġa quddiem il-Kunsill biex it-tfal ikun jistgħu jilgħabu minn naħa għall-oħra f'attivitajiet li ser jiġu organizzati għalihom fil-post.

6.6.3 Is-Sindku Kevin Cauchi propona li għandha terġa ssir il-kompetizzjoni tal-kartolini tal-Milied għat-tfal biex eventwalment jiġu printjati r-rebbieħa u jitqassmu f'kull dar f'Għajnsielem. Ir-rebbieħa għandhom ikunu għall-isbaħ kartolina u l-isbaħ messaġġ minn kull sena skolastika tal-iskola primarja. Huwa propona wkoll li għandna nerġgħu nniedu l-kompetizzjoni għall-isbah presepju u tieqa u għandna nzidu għall-isbaħ faċċata. Il-Viċi Sindku issugerixxa wkoll kompetizzjoni ghall-isbaħ Christmas Cake Il-kunsill qabel ma' dawn il-proposti.

6.6.4 Is-Sindku rrefera għat-tizjin li qed jippjana l-ħaddiem Josef Camilleri għall-Pjazza Indipendenza fejn qed nippruvaw esperiment ta' globi jixgħelu matul it-triq. Sar qbil ukoll li għandna nzejnu din il-pjazza permezz ta' Christmas Trees.

## 6.7 Ġieħ Għajnsielem

6.7.1 Wara li saret diskussjoni dwar liema proċedura għandu jiġi magħzul Gieh Għajnsielem 2019, sar qbil li għandna nerġgħu naddottaw għas-sistema l-antika, fejn il-Kunsilliera jinnominaw zewġ persuni u ssir votazzjoni bejn il-kunsilliera stess. Sar qbil li din l-għazla għandha ssir fil-laqgħa li jmiss.

## 6.8 Bethlehem f'Għajnsielem

6.8.1 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera għat-talba li bgħat lil Obermaggau fejn irċieva risposta li aċċettaw li nibdew il-miġja tal-maġi minn hemm. Sar qbil li għandna niċċekjaw kemm huma l-prezzijiet tal-ajru u l-akkomodazzjoni. Huwa semma wkoll li l-Għaqda Drammatika tixtieq li torganizza group f'Lulju u offra jekk irridux ningħaqdu magħhom bħala Kunsill.

6.8.2 Is-Sindku Kevin Cauchi rrefera għall-ħtieġa urġenti li tinzamm laqgħa tal-atturi ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Huwa rrefera wkoll għat-talba tal-Ambaxxata tal-Palestina sabiex ikollhom kamra fejn minnha jesponu u jbieghu oġġetti marbuta ma' pajjizhom. Sar qbil ukoll li għandna nistiednu lil Kunsill tal-Hamrun sabiex iġibu xi gruppi ta' atturi kull *weekend*.

6.8.3 Il-kunsillier Teddy Saliba talab sabiex x'ħin tintemm din l-edizzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem nitolbu rendikont finanzjarju lill-għaqdiet kollha. Sar qbil li din ir-rikjesta għandna nsemmuha fil-Kumitat ta' Bethlehem f'Għajnsielem.

6.8.4 Sar qbil li għandna nivverifikaw mar-Redcoats jekk jixtiequx iservu bħala ushers u ngħaddulhom 10% tad-donazzjonijiet miġbura bħala ħlas.

6.8.5 Sar qbil li għandna niġbru stimi għal-kera ta' fire extinguishers .

6.8.6 Sar qbil li bħas-snin ta' qabel għandna nqabbdu s-servizz ta' security u l-ERRC. Sar qbil li għas-Security għandna niksbu stima. Il-kunsillier Larry Buttigieg propona li għandna nistaqsu l-Intervention Unit fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex jekk jistgħux jgħinuna fuq dan ir-rigward permezz tal-ħaddiema tagħhom. Sar qbil li nkunu ninħtieġu bejn 4 u 5 securities kull darba li nifthu.

6.8.7 Ġiet trattata l-ittra mingħand Letio X Fretensis dwar ir-re-enactment tas-suldati. Sar qbil li għandna nospitawhom u naraw li nzommu l-budget baxx kemm jista jkun għax qed jiġuna spejjes kbar meta tqis is-servizz tagħhom, l-akkomodazzjoni, trasport u spejjes tal-vapur kienu qed jintelgħu mal-€5000. Sar qbil li għandna tintalab laqgħa ma' Derick Blow fuq dan ir-rigward.

6.8.8 Sar qbil li għal sena oħra nippjanaw randikont finanzjarju tal-proġett u nipprezentawh lill-awtoritajiet u nitolbu għal aktar għajnuna għax proġett kbir bħal dan qed nieħdu ftit fondi.

## 6.9 Approvazzjoni tal-Pagamenti

6.9.1 Is-Segretarja preżentat l-iskeda tal-pagamenti u ġew approvati.

## 6.10 Materji oħra

6.10.1 Ma kienx hemm materji oħra x'jiġu diskussi

## 6.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

6.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Hamis 21 ta' Novembru 2019 fil-5:30pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**